MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1317/2000/1

**Emmanuel Bonello bhala Kontrollur ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (BICAL) u b' nota tat-30 ta'Gunju 2003 Gatt Galea & Co kif rappresentati minn Raymond Gatt assumew l-atti tal-kawza.**

**Vs**

**Joseph Stellini u b'digriet tad-29 ta' Marzu 2001 il-Qorti ordnat t-trasfuzjoni tal-gudizzju minn Joseph Stellini f'isem Joyce Stellini sew personalment kif ukoll bhala uniku proprjetarju tad-ditta Firm S. Stellini u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2001 il-gudizzju gie trasfuz ukoll minn isem il-konvenut Joseph Stellini fil-persuna ta' Alexander Stellini u b'digriet tas 16 ta' Marzu 2005 l-atti gew trasfuzi f'isem Alexander Stellini stante l-mewt ta' Joyce Stellini li mietet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur Emmanuel Bonello nomine ppremetta:

Premess illi l-attur ikkonceda lill-konvenut il-facilita ta' "overdraft" b'limitu ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) fuq il-kont bin-numru HC 501802 permezz ta' kuntratt datat 23 ta' Novembru, 1968 f' l-atti tan-nutar Frank Xavier Dingli li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok A;

Premess illi l-konvenut illum il-gurnata ghadu debitur ta' l-attur ghas-somma ta' hdax il-elf, disa' mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltija u disgha u disghin centezmu u ghoxrin Lira Maltija u disgha u disghin centezmu u millezmu (LM11,921.99,1) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar mislufa lill-konvenut kif jirrizulta mill-istatement datat 27 ta' Dicembru, 1972, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok B;

Premess illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas is-somma fuq imsemmija, permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju, 1998 li qed tigi hawn annessa u mmarkata (Dok C), huwa baqa inadempjenti;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta' l-attur ghas-somma ta' hdax il-elf, disa' mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltija u disgha u disghin centezmu u millezmu (LM11,921.99,1) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar mislufa lill-konvenut kif fuq premess;

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq imsemmija u tiffissa zmien qasir u perentorju ghal dan l-iskop;

B’ l-ispejjez u b’ l-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 30 tal-process fejn eccepixxa:**

It-tpacija tat-talbiet attrici ghall-hlas tal-kapital u imghax relattiv, prevja verifika tal-kreditu, mas-somma ta’ (Lm15,220) hmistax-il elf mitejn u ghoxrin lira li hija dovuta lill-konvenuti, rappresentanti kwantu ghal (Lm7,610) sebat elef sitt mija u ghaxar liri kapital u imghax relattiv kkalkolat mid-data tal-eghluq tal-bank attur sallum u cioe’ sal-massimu permess skond il-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jitlob is-somma ta’ Lm11,921.99,1 bilanc ta’ somma akbar mislufa lill konvenut. Il-konvenut qed jeccepixxi t-tpacija billi hu ghandu jiehu ammont minghand il-bank.

Illi mhux kontestat li l-ammont mitlub fic-citazzjoni hu dovut. Dan jirrizulta mix-xhieda ta’ l-attur, kif ukoll mill-premessi tac-citazzoni 115/93F (allegata mal-process odjern) fejn l-attur f’dika l-kawza ddikjara li hu kellu overdraft mal-Bank fl-ammont ta’ Lm11,921.99c (Dok G fol 13).

Dwar t-talba ghat tpacija, din hija kontestata mill-attur billi jirritjeni li l-ammonti m’humiex dovuti mill-Bank attur. L-attur spjega ghaliex l-ammonti m’humiex dovuti fl-eccezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni tieghu a fol 18 u 19 fic-citaz 115/93 imsemmija. Illi in tema legali, gie ritenut mill-Qrati Taghna li "il-kompensazzjoni ssir *ipso jure* u anke minghajr ma jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu

ndaqs. Izda l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha *'ipso jure'* ghar-rigward tal-krediti li ma humiex amessi mill-parti l-ohra. Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi".

Il-konvenut ghamel riferenza ghas-sentenza fil-kawza 35/73 deciza fl- 1 ta' Frar 1973 fejn qal li hu kien gie kanonizzat fl-ammonti li kienu dovuti lilu, izda dika l-kawza kienet saret kontra Cecil Pace personalment u mhux kontra l-Bank attur.

Inoltre saret riferenza ghal kawza 115/93 F fejn ukoll il-konvenut qed jippretendi ammonti li qed jghid li ghandhom jigu pacuti izda dika l-kawza ma gietx deciza imma kancellata kif jidher fil-verbal tal-15 ta' Ottubru 1998, u dan apparti dak li diga ntqal aktar fuq dwar tpacija li ma tistax issir f'dan il-kaz fejn l-ammonti mitluba huma kontestati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti, prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti
Tilqa' t-talba attrici;
Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta' l-attur ghas-somma ta' hdax il-elf, disa' mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltija u disgha u disghin centezmu u millezmu (Lm11,921.99,1) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar mislufa lill-konvenut;
Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq imsemmija;
Bl-ispejjez kontra l-konvenut
U bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------